MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 422/2011

**Plant Studio Limited**
**(C 8845)**

**vs**

**Taraef El Gasi**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur intavolat fit 28 ta’ Dicembru 2011 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimata thallasha s-somma ta’ hamest elef, mija u tmienja u tmenin Euro u disgha u tmenin centezmu (€5,188.89) rappresentanti bilanc ta’ somma akbar li tinkludi spejjez u hsarat kommessi fil-coffee shop u snack bar bl-isem ta’ ‘Il Buco’, 124E, St. George’s Road, San Giljan, waqt illi kien qed jigi gestit mill-intimata a tenur ta’ management agreement minnha iffirmat fl-1 ta’ Awissu 2007.

Rat ir-risposta ta’ l-intimata ippresentat fl-4 ta’ Mejju 2012 fejn qalet illi t-talbet attrici ghandhom jigu michuda peress illi hija ma ghandha thallas xejn u ma kkagunat ebda hsarat.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 11 ta’ Mejju 2012 fejn ordnat il-kapovolgiment tal-provi.

Rat l-affidavit ta’ l-intimata **Taraef El Gasi** ippresentat fit 28 ta’ Gunju 2012 flimkien ma’ dokumentazzjoni in sostenn tad-difiza taghha.

Semghet ix-xhieda ta’ Taraef El Gasi in kontro ezami illi saret fit 2 ta’ Novembru 2012.

Semghet ix-xhieda ta’ **Duncan Mizzi**, ragel ta’ l-intimata, illi xehed fl 1 ta’ Frar 2013.

Rat l-affidavit ta’ **Peter Camilleri** ippresentat fil 31 ta’ Mejju 2013 flimkien ma’ dokumentazzjoni in sostenn ta’ dak li kien qieghed jikkontesta.

Semghet ix-xhieda ta’ **Joseph Bartolo**, rappresentant tas-socjeta Masco Security Services Limited, moghtija fit 28 ta’ Ottubru 2013, flimkien ma’ dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit-28 ta’ Ottubru is-socjeta rikorrenti dikjarat li ma kellhiex aktar provi.

Semghet il-kontro ezami ta’ Peter Camilleri moghtija fid 9 ta’ Dicembru 2013.

Rat illi fit 3 ta’ Marzu l-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat is-sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentati fl-14 ta’ April 2014.

Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-intimata ippresentati fid 9 ta’ Gunju 2014.

Rat illi fid-9 ta’ Gunju 2014 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha prodotti jirrizulta illi Taraef El Gasi dahlet f’management Agreement mas-socjeta Plant Studio Limited biex tiggestixxi l-hanut bl-isem ta’ ‘Il-Buco’ gewwa 124E, St. George’s Road, San Giljan, liema hanut kien accessibbli wkoll minn Gort Street, San Giljan.

Jirrizulta, mill-provi, illi l-intimata hadet it-tmexxija tal-hanut fl 1 ta’ Awissu 2007 u ghalkemm esprimiet ix-xewqa biex twaqqaf tali tmexxija f’Mejju 2011, il-hanut reggha gie fil-pussess tas-socjeta rikorrenti fil 5 ta’ Lulju 2011.

Jirrizulta, skond il-ftehim ta’ management, kif jigri f’kazijiet ta’ twellija ta’ tali postijiet, illi l-intimata, bhala l-operatur tal-hanut, kellha tkun responsabbli ghall-hlas ta’ l-ispejjez kollha relatati mat-tmexxija tal-post, li kienu jinkludu dawl, ilma, telefon u licenzji varji.

Jirrizulta illi, fil-mument illi l-intimata telqet il-hanut, il-kontijiet tad-dawl u ilma ma kienux ghadhom thallsu peress li ma kienux hargu u l-kont tat-telefon kien ghadu ma thallasx.

Jirrizulta illi eventwalment, l-intimata hallset il-kont tat-telefon li kien jirrigwarda l-periodu meta hija kienet fil-hanut kif ukoll ghamlet pagament ghal-kont tad-dawl u ilma.

Jirrizulta illi, ghalkemm is-socjeta rikorrenti qieghda titlob ghal hlas tal-kont tat-telefon, dana thallas waqt il-mori tal-kawza u ghalhekk ma ghadhu dovut.

Jirrizulta illi ghalkemm l-intimata qalet illi kienet hallset il-kontijiet tad-dawl u ilma, minn konteggi li ghamlet dina l-Qorti fejn il-kontijiet reklamati mis-socjeta rikorrenti gew

imqabbla mal-pagamenti maghmulha mill-intimata, jidher illi kien ghad fadal bilanc ta' hames mitt Euro dovut mill-intimata lis-socjeta rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Wara illi s-socjeta rikorrenti regghet hadet il-hanut f'idejha, hija saret taf illi l-permess ta' l-imwejjed dovut lill-Lands Department ghas-sena 2011 kien ghadu ma thallasx u il-licenzji tal-Malta Tourism Office kienu ilhom ma jithallsu ghal tlett snin, bir-rizultat illi l-kontijiet ghas-sena 2009, 2010 u 2011 kienu ghadhom pendenti.

Is-socjeta rikorrenti rrizultalha wkoll illi is-sistema tas-CCTV li kien hemm fil-hanut ma kienx aktar funzjonanti u ghalhekk kellha taghmel xogholijiet ta' riparazzjoni fuqu.

Jirrizulta illi l-intimata ghamlet uzu mill-hanut sal 5 ta' Lulju 2011, jigifieri ghal sitt xhur tas-sena, u warajha dahal xi hadd iehor, certu Paul Bonello. Dana qieghed jinghad ghax, filwaqt illi huwa minnu li l-intimata ma hallsietx ghal-licenzji u permessi, hija ghadha tkun obbligata thallas ghal dawk il-permessi u licenzji dovuti meta hija kienet qieghdha topera, jigifieri sa' l-ahhar ta' Gunju 2011.

Jirrizulta illi il-kont tal-Lands Department, li jammonta ghall €559.05, huwa ghal tnax-il xahar tas-sena 2011, u ghalhekk huwa gust u ekwu illi hija tigi ordnata thallas ghall-permess sa l-ahhar ta' Gunju 2011, jigifieri ghal sitt xhur, ekwivalenti ghal €279.50.

Jirrizulta illi il-kont tal-Malta Tourism Authority, li jammonta ghal €3,176.07, huwa ghal periodu ta' tlett snin, jigifieri ghas-snin 2009, 2010 u 2011, il-kont annwali ammontanti ghal €1,058.69. Huwa gahlhekk gust u ekwu illi hija tigi ordnata thallas ghall-periodu minn l-1 ta' Jannar 2009 sat 30 ta' Gunju 2011, jigifieri €2117.38 ghas-snin 2009 u 2010 rispettivament u is-somma ta' €529.35 ghas-sena 2011 sa Gunju, jigifieri total ta' €2,646.73.

Jirrizulta illi meta l-intimata inghata il-hanut, hija inghata sistema ta' CCTV funzjonanti filwaqt illi meta regghetu lura, dana kien bi hsara. Ir-riparazzjoni ta' tali hsarat ammont ghall €759.40. Ghalkemm huwa minnu illi fil-mument illi l-intimata regghet lura l-hanut, ma saret ebda indikazzjoni li is-sistema tas-CCTV kien bi hsara, jirrizulta ben ippruvat mis-socjeta rikorrenti illi meta hija attwalment bdiet taghmel xoghlijilet ta' tindif fil-fond biex jittiehed minn operatur iehor, huma indunaw illi s-sistema kienet bi hsara. L-intimata stess, madanakollu, fix-xhied taghha, taghti x'tifhem illi anke hi kienet a korrent illi s-sistema ma kienetx qed tahdem peress illi ma haddmithiex lanqas hi. Ghalhekk huwa gust u ekwu illi l-intimata thallas il-hsarat minnha inkorsi.

**Ikkunsidrat**

Ghalhekk, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kif fuq maghmulha, jirrizulta ben ippruvat illi l-intimata trid thallas il-bilanc tad-dawl u ilma, jigifieri €500, trid thallas il-permess tal-Lands sa Gunju 2011, jigifieri €279.50, trid thallas il-licenzji tal-Malta Tourism Office minn Jannar 2009 sa Gunju 2011, jigifieri €2,646.73, kif ukoll trid thallas ghall-hsarat fis-sistema tas-CCTV minnha kkawzati, jigifieri €759.40. Dana jaghmel total ta' €4,185.63.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Tichad l-eccezzjonjiet ta' l-intimata

Tilqa t-talba attrici, limitatament, fis-sens illi tillikwida s-somma dovuta mill-intimata lis-socjeta rikrorenti fis-somma ta' erbat elef, mija u hamsa u tmenin Euro u tlieta sittin centezmu (€4,185.63), u ghalhekk

Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' erbat elef, mija u hamsa u tmenin Euro u tlieta sittin centezmu (€4,185.63) bl-imghax mid-data tal-ppresentata ta' tali proceduri sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-proceduri odjerni u ta' l-Ittra Ufficjali 3279/11 u tal-Mandat ta' Sekwestru a karigu ta' l-intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------